**It-Tieni Ħadd ta' matul is-Sena**
Il-Ħadd 15 ta' Jannar 2023

# Aħbar Tajba



Is 49, 3.5-6
Salm 39 (40), 2.4ab.7-8a.8b-9.10
1 Kor 1, 1-3
Ġw 1, 29-34

"Hawn hu l-Ħaruf ta'Alla,
**li jneħħi d-dnubiet tad-dinja."**

X'inhi l-iktar ħaġa li togħġbok mill-affarijiet kollha li tagħmlu matul il-ġurnata meta tkun l-iskola? Tippreferi l-attivitajiet fiżiċi jew inkella l-ħin fil-klassi? Tħobb il-lingwi u forsi l-hena tiegħek taqra jew inkella tippreferi suġġetti bħall-matematika u x-xjenza? Niftakar li meta kont żgħir jien l-iktar ħaġa li kienet togħġobni kien meta kien imissna 'Show and Tell'.

Bħala attività hija waħda sempliċi ħafna. Kulma trid tagħmel hu li ġġib xi ħaġa miegħek mid-dar u titkellem dwarha quddiem sħabek tal-klassi. Ovvjament konna nagħżlu affarijiet li jinteressaw lilna, u biex nirbħu xi ftit punti aktar konna nieħdu gost nagħżlu affarijiet li ħadd ma kellu bħalhom. Is-suġġetti kienu jkunu ħafna, u kollha kemm huma differenti, minn programmi li nħobbu naraw, għal passatempi u kultant saħansitra kien ikun hemm min iġib xi pet mid-dar. Kienu jkunu lezzjonijiet mill-aktar interessanti u l-għalliema kienet l-hena tagħhom jarawna nieħdu gost u fl-istess ħin nesprimu ruħna tajjeb kif kienu għallmuna.

Fl-Evanġelju tal-lum niltaqgħu ma' persuna li ħajtu kienet tixbah ħafna lil dan l-eżerċizzju. Kull fejn kont tarah kont issibu jgħallem, mhux biss bil-kliem imma wisq aktar bil-mod kif kien jgħix. Qed nitkellmu dwar Ġwanni l-Battista li ħajtu kienet tixbah ħafna lill-eżerċizzju li għandna kif semmejna. 'Show' għax kien jgħix ħajja tajba u 'tell' għax kien jgħallem fuq kif ngħixu ħajja tajba. Mid-dehra n-nies kienu jieħdu gost jisimgħuh għax kull fejn kien ikun kont issib folol kbar ta' nies jisimgħuh.

Ix-xewqa tiegħu kienet li jħejji lin-nies bl-aħjar mod għall-miġja tal-Messija li tant kienu ilhom jistennew. Qatt ma kien jieqaf! U meta wasal il-jum li jiltaqa' miegħu, l-ewwel ħaġa li għamel kienet li wrieh lid-dixxipli tiegħu. Ħafna kienu dawk li saru dixxipli ta' Ġesù grazzi għal Ġwanni l-Battista.

Ejjew din il-ġimgħa nippruvaw inkunu ftit aktar bħal Ġwanni u b'dak li ngħidu u nagħmlu nressqu lill-oħrajn lejn Ġesù. M'hemmx għalfejn affarijiet kbar. Inħobbu ftit aktar; ngħinu lil dawk fil-bżonn; nirrispettaw aktar lill-oħrajn; nitbissmu; nitolbu; naqsmu dak li għandna; inżommu fuq fommna l-kliem 'skużani', 'grazzi' u 'jekk jogħġbok'; inkunu aktar fair fil-logħob... insomma ħa nħalli f'idejn l-immaġinazzjoni tagħkom biex tagħmlu mill-aħjar li tistgħu!

## Sib il-Kelma

Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.
ĠWANNI, ĠESÙ, ĦARUF, DNUB, DINJA, NGĦAMMED, ILMA, SPIRTU, ĦAMIEMA

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| M | A | GĦ | M | U | D | I | J | A | A |
| P | R | K | G | A | W | D | E | N | B |
| A | N | A | T | R | A | D | N | U | B |
| S | P | I | R | T | U | I | GĦ | D | A |
| M | I | S | S | IE | R | N | A | U | N |
| Q | S | T | R | I | Q | J | M | Ħ | D |
| A | S | M | U | L | E | A | M | A | U |
| I | Ġ | E | S | Ù | T | T | E | M | N |
| S | W | K | R | S | T | U | D | IE | I |
| Ħ | A | R | U | F | J | J | U | M | L |
| R | N | Ħ | E | J | I | L | M | A | M |
| IE | N | D | E | Ż | E | R | T | I | I |
| F | I | I | B | N | I | GĦ | A | D | J |

## Min hu Ġesù?

Wara li tagħti l-kulur lil seħbina t'hawn taħt, madwaru ikteb xi ħwejjeġ li taf dwar Ġesù?



## San Publiju - Prinċep ta' Malta

Matul din il-ġimgħa nfakkru lil San Publiju, Prinċep ta' Malta. Huwa magħruf li laqa' bil-qalb lill-appostlu Pawlu u lil sħabu wara n-nawfraġju fi gżiritna u żammhom għandu għal tlitt ijiem. Missier Publiju li kien marid bid-diżenterija flimkien mal-morda l-oħra tal-gżira, tfejqu minn San Pawl. Publiju jitqies ukoll bħala l-ewwel Isqof ta' din il-gżira tagħna.



Apparti li San Publiju huwa l-Qaddis Patrun tal-Parroċċa tal-Furjana, huwa wkoll wieħed mill-Patruni ta' Malta flimkien mal-Appostlu Missierna San Pawl.

Jingħad li fis-sena 125 Publiju rċieva l-martirju waqt il-persekuzzjoni tal-Imperatur Adrijanu. Huwa ġie kanonizzat (iddikjarat Qaddis mill-Knisja) fis-sena 1634.

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**




Grazzi.





**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq
**Aħbar Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100
jew ibgħatilna email fuq
info@sayitmalta.com

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola


AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre
YOUTHEME FOUNDATION